*place in the chosen forum is guaranteed all procedural safeguards afforded by Article 6.*

***36. In Claudio Porsenna v. Avukat Generali*[14]**, *this Court made the following observations:-*

> *"Jista' jkun li l-ewwel Qorti ma fissritx bi preciz l-iskop tad-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali. Dan peress li jista' jinghad li l-Avukat Generali ma johrogx ordni sabiex persuna titressaq quddiem Qorti, izda biss jaghzel liema Qorti se jiggudikah wara li tkun gia` ttiehdet d-decizjoni li l-persuna tigi akkużata b'reati marbuta mad-droga. Dan, pero`, xorta wahda ma jwarrabx il-fatt li l-Artikolu 6(1) imsemmi jirreferi ghall-istadju tal-interrogazzjoni u tal-process li jsir quddiem qorti meta xi hadd ikun tressaq quddiemha mixli b'reat.*
>
> *"L-ordni tal-Avukat Generali tinhareg qabel ma jinbeda l-process gudizzjarju proprju, u ma jolqotx il-process innifsu la tal-interrogazzjoni u lanqas tas-smigh li jrid dejjem isir fl-ambitu ta' smigh xieraq kif trid il-ligi.*
>
> *"F'kull każ , tinghata meta tinghata tali ordni, din ma taffettwax il-htija tal-persuna akkużata, u tipprexindi minn kull deliberazzjoni li twassal ghas-sejbien ta' htija jew liberazzjoni tieghu.*
>
> *"Wiehed irid jenfasizza wkoll hawnhekk li l-ordni tal-Avukat Generali tolqot biss decizjoni dwar quddiem liema Qorti jinstema' l-każ ta' persuna gia` akkużata. Li l-persuna jkollha każ ghalxiex twiegeb ikun gia` gie deciz, u dak li jiddeciedi l-Avukat Generali hu biss is-sede li fih isir il-gudizzju".*

***37. The Court in that judgement also referred to its previous judgement in the names Grech Sant v. Avukat Generali[15] where, with reference to caselaw of the European Court, it was held that Article 6 of the Convention guarantees only a fair trial as opposed to a fair penalty and as such the right to a fair trial remains***

---

[14] Decided on the 16th March 2015.
[15] Decided 8th February 2010.

***unprejudiced whatever the outcome of the Attorney General's decision regarding choice of forum, saving the breach of other fundamental rights protected by other Articles of the Convention. For these reasons, this aspect of applicant's second grievance is unfounded and is therefore being rejected".*** **(enfasi ta' din il-Qorti)."**

Dawn is-sentenżi hawn ċitati huma ftit eżempji ta' dawk li ngħataw in tematika fejn jirrigwarda diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali fir-rigward tal-Kap 101. Ġie dejjem sostnut li tali diskrezzjoni li tolqot il-forum li għandu jiddetermina l-ħtija ( jekk din tirriżulta), u l-konsegwenza piena li għandha tiġi errogata, ma tolqotx l-elementi tas-smiegħ xieraq li jiċċentraw dwar il-garanżiji mogħtija tul il-proċess innifsu, a distinzjoni mill-piena li għandha tiġi erogata.

Fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Gaetano Mark Savory vs l-Avukat Ġenerali**[16] l-Qorti trattat il-materja tad-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali mogħtija lilu proċeduralment ai termini ta' l-artikolu nvokati . Din id-deċiżjoni se tiġi riprodotta nonostante li hawn il-lanjanza kienet ai terminu ta' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, u dan għaliex fil-maggor parti r-ragunament huwa ġust anke' għar-referenza odjerna:-

> *"Illi dwar l-ilment tal-**ksur tal-jedd imħares taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni**, jidher li l-każ tar-rikorrent jintrabat mal-fatt li l-Pulizija mexxiet kontrih fi proċeduri differenti minflok "għaqqdithom" kollha fi proċediment wieħed. Huwa jgħid li, minħabba f'hekk, ingħata bosta sentenzi li, miġmugħin flimkien, tellgħulu piena ta' ħabs għolja u li ma kienx jeħilha li kieku l-każijiet kollha tmexxew fi proċediment wieħed. Huwa jisħaq li ma kien hemm xejn x'iżomm lill-Pulizija milli tagħmel dan, ladarba f'każ minnhom, żiedet lismijiet ta' persuni oħrajn mal-akkużi li kienu tressqu fil-bidu u dan waqt li kienet miexja l-ewwel kawża kontrih. Ir-rikorrent jgħid li huwa kien talab lill-Pulizija tmexxi kontrih f'kawża*

[16] 29/15JRm deċiża 9 ta' Mejju, 2019

*waħda, imma din ma tatx każu u arbitrarjament għaddset rasha billi fetħet aktar minn proċedura waħda li nstemgħu quddiem aktar minn ġudikant wieħed;*

*Illi jidher ukoll li r-rikorrent jgħid li, filwaqt li l-intimat Avukat Ġenerali, fil-liġi, għandu s-setgħa li jordna li kawżi "jingħaqqdu" flimkien u jinstemgħu fi proċediment wieħed, l-istess jedd mhuwiex mil-liġi mogħti lill persuna li tkun akkużata u suġġetta għal aktar minn proċediment kriminali wieħed;*

*Illi kemm hu hekk, bħala parti mill-argument tiegħu li ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, ir-rikorrent isemmi ddispożizzjonijiet tal-artikoli 593 u 595 tal-Kodiċi Kriminali. L-ewwel mill imsemmija artikoli jipprovdi li: "(1) Żewġ reati jew aktar magħmulin minn persuna waħda, għalkemm mhux konnessi bejniethom, jistgħu jinġiebu f'att ta' akkuża wieħed u jiġu iġġudikati fl-istess kawża, għad li wieħed minn dawn irreati jkun ta' kompetenza inferjuri; meta jsir hekk, l-att tal-akkuża għandu jitqassam f'diversi kapi, u f'kull wieħed minnhom għandha titħares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589. (2) Iżda l-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna li dawn ir-reati jiġu iġġudikati kull wieħed għalih". It-tieni wieħed jipprovdi li: "Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 591 u 593, jekk żewġ atti ta' akkuża jew iżjed jiġu ippreżentati fl-istess żmien jew fi żminijiet diversi, ilqorti tista', fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali, tordna li huma jiġu magħqudin biex jiġu iġġudikati flimkien";*

...

*Illi għal dak li jirrigwarda l-mod kif l-uffiċjal Prosekutur jagħżel li jmexxi wara li jkun intalab jistħarreġ każ, il-Qorti tqis li għandha toqgħod ma' x'ġara fil-każ tar-rikorrent. Dan qiegħed jingħad għaliex jidher li l-azzjoni attriċi – l-aktar f'dak li jirrigwarda l-ilment tal-ksur tal-jedd taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni – timplika li d-diskrezzjoni li jista' jkollha l-Pulizija jekk jgħaqqdux fi proċedura waħda kull allegazzjoni ta' reat li ssir kontra xi persuna hija xi diskrezzjoni sistematika li tħaddmet kontra r-rikorrent biex ikun espost għal proċeduri mtennija u għal pwieni eħrex;*

*Illi mill-provi mressqa fl-atti ta' din il-kawża ħareġ li r-rapporti jew kwereli li tressqu lill-Pulizija dwar l-imġiba tar-rikorrent seħħew fuq medda ta' ġimgħat. Saru minn persuni differenti li ma kellhomx rabta bejniethom, għalkemm saru xi kwereli minn persuni qraba ta' xulxin. Il-każijiet kienu mistħarrġa minn uffiċjali tal-Pulizija differenti fi ħdan it-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi (ECU) jew saħansitra minn Spetturi tal-Għassa. Meta l-każ tar-rikorrent sar magħruf, bdew ġejjin 'il quddiem persuni oħrajn li ntlaqtu minn dak li ġaralhom minħabba r-rikorrent. Il-każijiet kollha ma kinux mistħarrġa mill-istess uffiċjal tal-Korp u, sa ma kien wasal fi tmiemu l-ewwel każ fil-Qorti kontra r-rikorrent (bl-ammissjoni tiegħu tax-xiljiet u l-għoti tal-piena relattiva mill-Qorti li tressaq quddiemha), kienu għadhom deħlin għand il-Pulizija kwereli jew rapport oħrajn li jirrigwardaw lir-rikorrent minn persuni oħrajn. Mix-xhieda ntwera ukoll li l-każ tar-rikorrenti ma setax jitqabbel ma' oħrajn minħabba li l-għadd ta' rapporti li bdew jaslu lill-uffiċjali inkarigati li joqgħodu jistennew ħalli jaraw jekk kinux ser jitresqu rapporti oħrajn ......"*

...

*Illi safejn jgħodd l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni xieraq jingħad li l-prinċipju mħaddan fih jiġbor fih il-massima tad-dritt "nullum crimen sine praevia lege" li f'ilsienna tfisser li ħadd ma hu ħati ta' reat dwar għemil li, filwaqt li jkun sar, ma kienx mil-liġi meqjus li huwa reat. Marbuta sfiq ma' dan il-prinċipju hemm l-ieħor li jrid li ma tistax tingħata piena eħrex minn dik li kienet tgħodd fiż-żmien meta twettaq ir-reat jew dwar għemil li, meta jkun twettaq jew naqas li jitwettaq, ma kien iġorr l-ebda piena ("nulla poena sine lege"). Dan ifisser ukoll li l-ebda liġi li ssir wara li jkun sar dak l-għemil ma tiswa biex tibdlu f'reat. Il-ħsieb wara dawn l-artikoli hu li titwarrab kull arbitrarjetà fis-sura ta' sanzjoni li tista' tirriżulta mill-imġiba ta' xi persuna, ukoll jekk f'għajnejn ħaddieħor dik l-imġiba tista' ma tingħoġobx jew saħansitra tkun ta' min jistmerrha. Għaliex l-għan tal-liġi huwa dak li tfisser u tgħid x'inhu l-għemil li jitqies reat u x'inhuma l-konsegwenzi li joħorġu fuq min iwettqu;*

*Illi dan ifisser ukoll li kemm l-għemejjel li jikkostitwixxu reat u kif ukoll il-pieni li jingħataw fil-każ ta' sejbien ta' ħtija dwar it-twettiq tal-istess reat iridu jkunu preskritti b'mod ċar minn liġi, b'mod li persuna tkun taf minn qari tagħha jew mit-tifsir li Qorti tista' tagħti*

*dwarha, liema għemejjel jew omissjonijiet iġibulu fuqu r-responsabbiltà kriminali*[17]*. B'"liġi" wieħed jifhem kemm dispożizzjoni ta' liġi miktuba u kif ukoll ġurisprudenza li tfisser l-għemil, u titlob li jkollha l-ħtiġijiet kwalitattivi li tkun magħrufa minn qabel u prevedibbli*[18]*;*

....

***Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ir-rikorrent mhuwiex qiegħed jilmenta li s-sejbien tal-ħtija tiegħu fil-kawża mnedija kontrih kien ħażin minħabba n-nuqqas ta' xi liġi li tfisser l-għemil li għalih instab ħati. Lanqas ma jilminta li l-Qrati li ikkundannawh għamlu hekk dwar xi għemil li, fiż-żmien rilevanti, ma kienx meqjus mil-liġi bħala reat. Kemm hu hekk, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu jaċċetta li kien ammetta l-akkużi fil-kawżi kollha (għajr fl-ewwel waħda) minn rajh u li l-piena mogħtija f'kull waħda mill-imsemmija ħames kawżi kienet taqa' fil-parametri tal-liġi. <u>Dak li jilminta dwaru, madankollu, hu li l-Pulizija għażlet li tmexxi kontrih f'ħames kawżi minflok ġabret ir-rapporti kollha fi proċediment wieħed;</u>***

***<u>Illi ingħad li "sometimes, laws confer discretion on officials who are then responsible for their application, and to that extent the actual scope of the law may not be entirely forseeable. According to the Court, such laws are not inconsistent with article 7 'provided that the scope of the discretion and the manner of its exercise are indicated with sufficient clarity, having regard to the legitimate aim in question, to give the individual adequate protection against arbitrary interference'"[19];</u>***

F'din id-deċiżjoni l-Qorti ma sabet ebda ksur lanqas ta' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

[17]Q.E.D.B. **17.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Scoppola vs Italja (Nru. 2)*** (Applik. Nru. 10249/03) §§ 93 – 94
[18]Q.E.D.B. 17.9.2009 fil-kawża Scoppola vs Italy applik. Nru 10249/03

[19]W.A.Schbass: The European Convention on Human Rights: A Commentary (OUP 2015) paġna 338

Din il-Qorti tagħraf li l-eżami li għamlet il-Qorti diversament preseduta huwa fuq artikolu tal-liġi Konvenzjonali differenti pero ħafna mill-fatturi hemm eżaminati japplikaw fattwalment għal każ in deżamina. Fil-fatt kif sew issottometta l-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu u mill-eżami ta' l-Atti jirriżulta illi nonostante li nħargu żewġ Atti ta' Akkuża separati kontrih, Brain Godfrey Bartolo għażel minn jeddu u ben assistit li jirreġistra ammisssjoni, dan meta kien ferm prevedibbli għalih x'kienet il-piena massima tar-reati lilu adebitati. Imma anke jekk din il-prevedibilta' ma torbotx sewwa ma l-elementi ta' l-artikolu 6, ċioe ta' smigħ xieraq, tara mill-atti proċesswali li hu mill-bidu tal-proċeduri, fl-ambitu ta' dak li hu meqjus bħala *criminal charge*, ingħata kull opportunita' li jinstema' u jressaq xhieda u jikkontro eżamina l-istess, dejjem quddiem Qorti indipendenti w imparzjali, dan fi ħdan ta' dak li huma meqjusa *adverserial proceedings*. Id-dritt tas-smiegħ xieraq jagħti l-ġaranżiji ta' kif jimxu l-proċeduri pero ma jolqotx id-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali, jolqot u jirreġola l-andament tal-proċeduri pero mhux l-piena per se. Id-diskrezzjoni li l-Avukat Ġenerali eżerċita u ċioe' li ma jgħaqqadx żewġ Atti ta' Akkużi ma jinċidi xejn fuq kif imxew il-proċeduri. Lanqas ma jikser l'hekk imsejjaħ parita' ta' l-armi. Fil-fatt din il-parita' li fuqha jilmenta Bartolo m'għandha x'taqsam xejn mal-pieni li għandu jeħel ħati. L-parita' li hija marbuta sfiq mal-artikolu 6 u 39 hija msejjsa fuq il-bilanċ li għandu jkun hemm fl-andament tal-proċeduri, f'kull ħin tagħhom, sa minn x'ħin l-imputat jiġi adebitat bl'hekk imsejjaħ *criminal charge*. Il-parita' ta' l-armi pero ma tagħtix lil ħati dritt jiddetermina hu x'piena għandu jeħel sakemm din hija waħda li taqa' fl-ambitu tal-liġi. Jispetta lil Avukat Ġenerali li jeżamina hu l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni tiegħu dejjem applikati dawk il-prinċipji u gwidi li ma jwasslux għal arbitrarjeta'. Fatt dan li ma ġiex pruvat. Jingħad li

kieku kien jispetta lil ħati jagħżel hu x'piena għandu jingħata, l-massimu li taħseb il-liġi kien ikun għal kollox inutli!. Pero wieħed ma jistax ma jaqbadx spunt minn dak li qalu l-Qorti fir-rigward ta' kif tiġi eżerċitat d-diskrezzjoni vestita3 fl-Avukat Ġenerali, li biex jiġi mwarrab kull dubbju u susspett ta' arbitrarjeta' u anke' ma jitressqux ilmenti simili, ikun aktar opportun li jiġu darba għal dejjem determinati linji gwidi li għandhom jiggwidaw kif u meta din id-diskrezzjoni vestita għandha tiġi eżerċitata, jekk xejn dan iwassal għal aktar trasparenza u nuqqas ta' suspetti ukoll ta' diskriminazzjoni.

Għalhekk f'deċiżjoni oħra li ukoll kienet titratta kif l-Avukat Ġenerali għażel li jimxi fir-rigward ta' żewġ Atti ta' Akkuża fil-konfront ta' żewġ imputati u minn għandu jirrispondi għal liema xilja, din il-Qorti kif diversament preseduta fi-deċiżjoni fl-ismijiet **Anthony Bugeja vs Avukat Ġenerali**[20] kellha dan xi tgħid rigwardanti lmenti mressqa taħt l-rtikolu 39 u l-artikolu 6 :-

> *"Illi l-Qorti tqis li, filwaqt li tifhem l-argument tar-rikorrent, it-tfassila tal-Att tal-Akkuża u l-għażla mwettqa mill-intimat f'dik it-tfassila ma jwasslux għall-ksur ta' jedd għal smigħ xieraq li r-rikorrent jgħid li se' jġarrab. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, it-tismija tal-fatti f'Att ta' Akkuża jservi biex isejjes it-talba li ssir minnu f'kull kap tal-istess Att. Fit-tieni lok, dik it-tismija m'hijiex prova fiha nnifisha, iżda biss fehma li tfisser għaliex ikunu tressqu l-kapi tal akkuża li jagħmlu mill-Att tal-Akkuża. Il-prosekuzzjoni trid tipprova xorta waħda u fil-grad lil hinn minn kull dubju raġonevoli dak kollu li tallega għas-sudisfazzjon tal-ġurija. Għalhekk, l-għażla mwettqa mill-intimat ma ssarrafx f'sejbien minn qabel tal-ħtija tar-rikorrent.* ***Fit-tielet lok, ittwettiq tad-diskrezzjoni mħolli fl-Avukat Ġenerali fit-tfassil tal-Att tal-Akkuża huwa għamil li tipprovdi għalih il-liġi nnifisha, u dan mhux biss fl-attribuzzjoni tal-fatti addebitati lill-persuna mixlija[21]. Fir-raba' lok, it-twettiq ta' diskrezzjoni minnu nnifsu jimplika li ssir għażla mill-persuna li lilha hija mogħtija diskrezzjoni bħal dik: fejn ma jkunx hemm għażla, ma jkun hemm l-ebda diskrezzjoni, iżda***

[20] Deċiża 26/03/2013; 19/2009 JRM
[21] Ara artt. 588 u 596 tal-Kap 9

***sempliċi impożizzjoni awtomatika. Fil-ħames lok, dik l-għażla li tingħata lill-intimat fit-tfassila tal-Att tal-Akkuża torbot lill-istess intimat u hija mħarsa minn regoli preskritti fil-liġi li, ladarba l-persuna akkużata tkun wieġbet għax-xilja, ma tistax tqiegħed lill-persuna mixlija f'qagħda agħar u tkun torbot ukoll lill-Avukat Ġenerali nnifsu[22]. B'dan ilmod, il-Qorti tqis li b'hekk titneħħa l-biżgħa tal-arbitrarjeta' u l-imġiba abbużiva li tista' ttebba' kull għamil diskrezzjonarju li ma jkunx intuża sewwa[23]; (enfasi tal-Qorti.)***

*Illi dwar it-<u>tieni lment</u>, (jiġifieri d-degriet tat-2 ta' April, 2009, li bih il-Qorti Kriminali ordnat li l-ġuri kontra rrikorrent u dak kontra di Bartolo jsiru għal rashom u li ta' di Bartolo jsir l-ewwel) ir-rikorrent jisħaq li bih ukoll ġarrab jew ser iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u jissottometti li dak id-degriet qatt ma jmessu ngħata. Flewwel lok, huwa jilminta mill-fatt li l-Qorti msemmija ma tatux l-opportunita' li jsemma' l-fehma tiegħu qabel ma tat id-degriet u wara li l-intimat talab li ż-żewġ ġurijiet jimxu separatament. Fit-tieni lok, huwa jgħid li biex ma jseħħx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (kemm għalih u kif ukoll għal di Bartolo) t-talba tal-intimat ma jmissha ntlaqgħet qatt, għaliex "smigħ xieraq" ma jfissirx biss smigħ ta' kawża li timxi mar-regoli proċedurali, iżda wieħed li jseħħ "għar-riċerka tal-verita' skond il-liġi u fl-aħjar interess talġustizzja". Fit-tielet lok, jgħid li għadd ta' xhieda li huwa kien talab li jinstemgħu fil-każ tiegħu (meta l-Att talAkkuża kien għadu jorbot lilu u lil di Bartolo flimkien) mhux se' jkunu jistgħu jinstemgħu fil-ġuri kontra di Bartolo, u dan tabilfors se' jxekkel it-tiftix tas-sewwa. Fir-raba' lok, irrikorrent iqajjem ukoll il-kwestjoni li, minħabba li l-ewwel ġuri se' jkun dak kontra di Bartolo – li, skond l-Att talAkkuża kif mibdul, huwa mixli b'kompliċita' fil-qtil ta' Rosso – se' jiġri li persuna se' tkun mixlija b'kompliċita' f'reat fejn l-awtur tiegħu ma jkunx għadu nstab ħati. Huwa jgħid li dan se' jħalli wieħed minn żewġ effetti, u jiġifieri, li jew persuna se' tkun instabet ħatja ta' kompliċita' f'reat li fih ma jkunx għad hemm verdett ta' ħtija fl-awtur jew li, minħabba li l-kompliċi jista' jinstab ħati qabel l-awtur, ilproċeduri kontrih bħala l-awtur se' jkunu preġudikati bissejbien tal-ħtija tal-kompliċi. Fil-ħames lok, huwa jisħaq li t-tifsira xierqa tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni sservi biex jista' jingħad li kien hemm ksur tal-istess jedd mhux biss fejn il-persuna tkun ġarrbet ksur minħabba s-smigħ li ngħatat, iżda wkoll fejn ikun hemm il-probabilta' li ser ikun hemm ksur bħal dak, meqjus il-proċediment fil-ġabra sħiħa tiegħu. Ir-rikorrent jinqeda b'dan l-argument biex isaħħaħ il-fehma li mhux se'*

---

[22] Ara artt. 597(1), 599(1) *proviso* u 601 tal-Kap 9

[23] Ara Q.E.D.B. **22.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Malta*** (Applik. Nru. 42931/10) § 43

*jkollu smigħ xieraq*[24] *u li qatt ma sejra titħares ir-regola tal-"equality of arms";*

*Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat jgħid dan it-tħassib tar-rikorrent m'huwiex aktar minn spekulazzjoni. Jisħaq li l firda fil-proċediment bejn dak kontra r-rikorrent u dak kontra di Bartolo hija ċirkostanza li kemm-il darba ssir fissistema proċedurali Malti u ma tnissilx, minnha nnifisha, ksur ta' xi garanzija proċedurali mħarsa kemm millKostituzzjoni u kif ukoll mill-Konvenzjoni fir-rigward talpersuna mixlija. Itenni li hija għal kollox l-għażla tarrikorrent jekk jagħżilx li jixhed u ħadd u xejn ma jista' jġegħelu jagħmel dan bħalma ħadd ma jista' jżommu milli jagħmel dan jekk irid. L-intimat jisħaq li l-firda filproċedimenti bejn ir-rikorrent u di Bartolo ma xejnu la ljedd tar-rikorrent li jibqa' preżunt innoċenti sakemm jintwera mod ieħor u lanqas il-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jipprova xejn. Jgħid li d-degriet tal-Qorti Kriminali li bih il-każijiet kontra r-rikorrent u kontra di Bartolo jinstemgħu għal rashom mhux biss m'huwiex ta' ħsara għar-rikorrent, imma huwa ta' vantaġġ għalih għaliex b'dan il-mod il-każ tiegħu se' jsir quddiem ġurija għalih u mhux aktar l-istess ġurija li tkun trid tiddeċiedi dwar il-ħtija tiegħu u ta' di Bartolo fl-istess proċediment;*

***Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li huwa siewi ħafna li tgħid li "l-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarita', tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab ilkonsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet"*[25]*; (enfasi ta' din il-Qorti).***

[24] Ara paġġ. 183 – 4 tal-proċess
[25] Kost. **8.10.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali***

...

***Illi l-prinċipju tal-"equality of arms", fil-qafas ta' proċediment kriminali "where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court's opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment"[26]. Dawn jidher li huma l-garanziji mistennija biex jista' jingħad li tkun tħarset ir-regola tattrattament indaqs tal-partijiet. Mis-sottomissjonijiet kollha li saru u wkoll mix-xhieda mressqa mir-rikorrent innifsu, l-Qorti ma tarax kif ir-rikorrent jista' jgħid li tneħħewlu l-imsemmija garanziji jew xi waħda minnhom bil-fatt waħdu li l-Qorti Kriminali laqgħet it-talba tal-intimat li l-ġuri tiegħu jimxi għalih u mhux ukoll flimkien ma' dak kontra di Bartolo. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u b'żieda ma' dawk li saru aktar qabel, il-Qorti ma tarax lanqas li nkisret ir-regola li jingħata trattament indaqs bejnu u l-prosekuzzjoni li b'xi mod iġġib magħha ksur taljedd fundamentali minnu invokat;"***

Fir-rigward ta' l-istess kawża il-Qorti Kostituzzjonali kellha dan xi tgħid[27]:_

*"3.Il-prinċipju ta' equality of arms ma jfissirx illi l-prosekuzzjoni u d-difiża jkunu f'pożizzjoni identika. Forsi jrid l-attur illi hu, bħall-prosekuzzjoni, jkun mistenni illi jagħmel prova tal-każ tiegħu lil hemm minn kull dubju raġonevoli, biex ikun hemm ugwaljanza? Iżda dan ma jkunx aktar assurd mill-pretensjoni tiegħu li jkollu voce in capitolo daqs tal-prosekuzzjoni fit-tfassil tal-akkużi. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti:*

---

[26] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*, § 10.5.2, f'paġġ. 580 - 4

[27] 3/02/2014

*"... il-prinċipju tal-"equality of arms", fil-qafas ta' proċediment kriminali "where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court's opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment".[28]"*

*4.Il-fatt illi prosekuzzjoni u difiża għandhom rwol differenti u, kompatibilment ma' hekk, għandhom ukoll drittijiet u fakoltajiet li ma humiex identiċi, ma jmurx kontra l-prinċipju tal-equality of arms.*

*5.L-attur igħid ukoll illi l-prosekuzzjoni nqdiet b'mod arbitrarju u abużiv mid-diskrezzjoni tagħha. Igħid illi:*

*"... fil-bdil tal-att tal-akkuża l-prosekuzzjoni eżerċitat diskrezzjoni ta' natura kważi ġudizzjarja u dan b'mod arbitrarju. Il-prosekuzzjoni tħalliet fil-proċeduri kontra rrikorrent tfassal, tagħżel u tagħti l-interpretazzjoni tagħha dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ in kwistjoni b'tali mod li għażlet hi timposta l-każ. F'dan il-każ però ma ezercitatx din iddiskrezzjoni fi stadju meta d-difiża tar-rikorrent ma kinitx tiġi preġudikata iżda għażlet li tagħmel hekk fi stadju fejn il-preġudizzju lir-rikorrent ma jistax jiġi korrett. Dan sar ukoll b'arbitrarjetà mhux biss għaliex il-provi miġbura filkumpilazzjoni ma jwasslux għal tali akkuża fil-konfront tarrikorrent iżda anke għaliex l-istess prosekutur għażel li jagħmel dan għab-bażi ta' istint. Biex ikompli però jippreġudika d-drittijiet tad-difiża l-prosekutur ingħata wkoll il-possibilità li jissepara l-proċessi bil-konsegwenzi fuq spjegati li dan iġib miegħu."*

*6.Dawn ma humiex ħlief asserzjonijiet gratuwiti. Ġà rajna illi, daqskemm l-akkuża ma hijiex kundanna, daqstant ieħor l-akkużat ma għandux jedd jagħżel hu b'liema akkużi jiġi mixli: dik l-għażla*

[28] Van Dijk et al. Theory and Practice of the European Convention of Human Rights, § 10.5.2.

*tmiss leġittimament lill-prosekuzzjoni. Lanqas ma jista' l-akkużat, kif jippretendi l-attur, iċaħħad lill-prosekuzzjoni milli tfassal l-akkużi fuq fatti li lill-istess prosekuzzjoni jidhrilha li jkunu ħarġu waqt il-kumpilazzjoni. Dan ma joħloq ebda preġudizzju lill-akkużat għax hu wkoll ikollu fakoltà jressaq xiehda favur it-teżi tiegħu, kif ukoll li jagħmel kontro-eżami taxxhieda tal-prosekuzzjoni. Jekk imbagħad "il-provi miġbura fil-kumpilazzjoni … jwasslux għal tali akkuża" hija ħaġa mħollija għad-deċiżjoni, mhux tal-akkużat jew tal-prosekuzzjoni, iżda tal-imħallfin tal-fatt. Li l-prosekuzzjoni mxiet "b'istint" hija biss asserzjoni gratuwita tal-attur.*

*7.Lanqas is-separazzjoni tal-proċessi ma toħloq xi preġudizzju illeġittimu. Jekk, minħabba f'dik isseparazzjoni, ikunu jistgħu jinstemgħu xhieda li, li kieku lproċessi ma nfirdux, ma kinux ikunu jistgħu jixhdu, u hekk tinkixef xi verità li ma tkunx taqbel jew togħġob lill-attur, b'hekk ma jinkiser ebda dritt, għax l-attur ma għandu ebda jedd illi jippretendi illi xiehda ma tingħatax sempliċement għax sfavorevoli għalih.*

*8.L-aħħar aggravju tal-attur huwa illi l-prosekuzzjoni nqdiet bid-diskrezzjoni tagħha b'mod diskriminatorju, għax "huwa ġie trattat anqas favorevoli minn ieħor fl-istess pożizzjoni u dan b'mod arbitrarju". Ifisser dan l-aggravju hekk:*

*"Fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u tas-smigħ xieraq ma huwiex permess li għaliex persuna tfittex id-drittijiet tagħha hija tiġi preġudikata. Però konsegwenti għat-talba tar-rikorrent sabiex il-kwestjoni kostituzzjonali tigi riferita lill-onorabbli qorti u l-għoti taż-żmien lilu sabiex iressaq dan l-ilment quddiem il-qorti wassal għal manuvra talprosekuzzjoni li titlob is-separazzjoni tal-ġudizzju. … [L]esponent jissottometti bir-rispett illi anke jekk huwa permess bil-liġi bħala li jaqa' fid-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni ma jistax jiġi użat b'mod arbitrarju u b'tali mod li jippreġudika lil dak li jkun qiegħed ifittex id-drittijiet tiegħu. Il-fatti tal-każ juru biċ-ċar li t-talba għas-separazzjoni tal-proċeduri saret fit-terminu impost mill-Qorti Kriminali lir-rikorrent sabiex dan jippreżenta dawn ilproċeduri kostituzzjonali. Ma kinitx talba li saret qabel ma ġie prezentat l-att tal-akkuża originali, jew mal-bdil tiegħu, jew wara li ġie milqugħ mill-Qorti Kriminali li tinbidel lakkuża, iżda b'mod sinifikanti din it-talba ġiet biss*

*preżentata bħala risposta jew bħala konsegwenza tal-fatt li r-rikorrent għażel li jfittex stharriġ ġudizzjarju dwar dawn l-istess fatti quddiem din il-qorti.*

*"L-esponent jissottometti bir-rispett illi dan jammonta għal dak l-aġir arbitrarju li ma huwiex permess fi smigħ xieraq u għal dak l-aġir arbitrarju u abużiv li l-Konvenzjoni Ewropea tipprojbixxi fl-implimentazzjoni tad-drittijiet kontenuti fiha."*

23. *Din l-asserzjoni tal-attur – illi l-prosekuzzjoni talbet li l-proċess tal-attur u dak ta' di Bartolo jimxu kull wieħed għal rasu biex "tpattiha" lill-attur talli talab referenza kostituzzjonali – hija għal kollox gratuwita u msaħħa b'ebda prova. Post hoc ma jfissirx bilfors propter hoc.* ***Il-prosekuzzjoni għandha d-dmirijiet tagħha, u fuq quddiem nett hemm dak li tmexxi l-proċess b'mod li l-aktar iwassal biex tinkixef il-verità, sew jekk favur u sew jekk kontra lakkużat. Fost l-għodod li għandha biex tagħmel hekk hemm dak li tagħżel jekk il-proċessi jimxux flimkien jew kull wieħed għal rasu. Kif jistqarr l-attur stess fis-silta miġjuba fuq, meta l-prosekuzzjoni tagħmel dik l-għażla tkun qiegħda tinqeda b'setgħa mogħtija lilha mil-liġi u, sakemm ma jintweriex illi sar użu minn dik is-setgħa minħabba konsiderazzjonijiet li ma humiex relevanti, jew b'xi mod ieħor li ma hux raġonevoli, ma jistax jingħad illi saret diskriminazzjoni bi ksur tal-jeddijiet fondamentali. Ma nġiebet ebda prova li l-prosekuzzjoni nqdiet abużivament bid-diskrezzjoni fdata lilha mil-liġi; asserzjoni gratuwita ma hijiex prova.".***

Din il-Qorti tagħmel dan ir-raġunament tagħha. Fil-fatt mill-ilmenti mressqa minn Bartolo ma jidher imkien li hu ma ġiex akkordat smiegħ xieraq la fl-Investigazzjoni, la tul l-Istruttorja u wisq anqas quddiem il-Qorti Kriminali. Mhux talli hekk talli hu għażel li jammetti għal akkużi **ben konsapevoli** li l-artikolu 18 ma kienx qed jiġi invokat mill-Avukat Ġenerali[29]. Dan ma jqiegħedtx lil Bartolo f'disparita'. Xejn ma kien mistur lilu u xejn ma

[29] Ara f'dan ir-rigward ukoll is-sotttomisjonijiet li saru quddiem il-Qorti Kriminali rigwardanti l-piena li kellha tiġi erogata fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2019, inkluża fiż-żewġ proċessi kriminali.

żammu milli jressaq il-każ tiegħu kif trid il-liġi. Dik ix-xelta li tmiss il-piena hija akkordata lil Prosekutur ta' l-Istat b'mod statutorju, u jispetta lilu eżaminati l-elementi li trid il-liġi għal dik l-applikazzjoni fir-rigward ta' l-akkużi miġjuba, kemm jkun xieraq li tiġi hekk invokata. Ma tistax ukoll il-Qorti ma tikkumentax għaż-żmienijiet li fihom Bartolo ikkometta r-reati li tagħhom instab ħati: dak rifless fl-Att ta' Akkuża 14/2015 li jitratta tas-sustanza **Kokajina u dan datat 4 ta' Lullju, 2009** u dak rifless fl-Att ta' Akkuża 15/2015 li jitratta akkużi tal-**25 ta' Jannar, 2011** dwar reati marbuta mad-droga **Tetrahddrocannabinol, THC**. Fil-fatt meta Brian Godfrey Bartolo tressaq bir-reati li jolqtu t-tieni Att ta' Akkuża, fit-28 ta' Jannar, 2011 **<u>hu kien ġia</u>** mressaq quddiem il-Qorti Istruttorja jwieġeb għar-reati li jmissu l-ewwel Att ta' Akkuża, tad-29 ta' Marzu, 2010. Għalhekk anke l-paragun li sar fil-konfront tad-deċiżjoni fl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Muscat**[30] li titratta ta' reati marbutin ma l-istesss nuqqas ta' pagament ta' manteniment **mix-xhur ta' Ottubru, 2020 sa Gunju, 2021**, ripettutament kull xahar, mhux ġust għal vertenza n eżami, <u>fost ragunijiet oħra lil Qorti esponit *supra*.</u>

Il-Qorti tħoss ukoll in kwantu lil-ilment ta' Bartolo marbut mal piena li ġiet lilu erogata fuq iż-żewġ Atti ta' Akkuża lli għandha tagħmel is-segwenti kummenti dwar l-artikolu 18 per se u dan billi terġa tirrikorri għal dak li qalu l-Qrati nostrali.

> *"Furthermore in the appeal proceedings named **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Gatt** decided by the Court of Criminal Appeal in its Superior Jurisdiction on the 12th December 2013, it observed that the Attorney General did not invoke article 18 of the Criminal Code by reference to the*

[30] Disa' kawżi kollha deċiżi fit12 ta' Diċembru, 2022.

*individual accusations levied in the counts of the bill of indictment in that case. In this particular case, the Attorney General too decided not to qualify the articles of the Law by the application of Article 18 of the Criminal Code. In* ***David Gatt****, this Court, sitting collegially decided, unequivocal manner that : -*

*18. Kwantu għall-artikolu 18, dan la hu kontemplat fil-Kapi individwalment u lanqas bejn it-Tieni u t-Tielet Kap stante li jidher li si tratta ta' infrazzjonijiet distinti. Fi kwalunkwe każ fejn il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat diversi infrazzjonijiet bħala reat kontinwat, l-uniku rimedju hu li jekk il-Qorti tara li ddiversi infrazzjonijiet kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat, i****l-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għac-cirkostanzi****. (enfasi tal-Qorti)"*[31]

L-istess kien il-ħsieb fid-deċiżjoni fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Ċini**[32]

*"Bhalma l-paragrafi ta' l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali (re: konkors ta' reati u ta' piena) ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni u jigu applikati millQorti jekk il-prosekuzzjoni ma tressaqx aktar minn imputazzjoni ta' reat wiehed fl-istess kawza, hekk ukoll jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawza bhala tali reat kontinwat, il-Qorti necessarjament, trid taghti sentenza separata f'kull kawza ossia ghal kull infrazzjoni jew ghall-infrazzjonijiet migjuba f'dik il-kawza. L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, l-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi."*

Ukoll fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pul vs Joseph Galea** l-istess Qorti kif preseduta qalet hekk ukoll fir-rigward; *" Pero' galadarba t-tliet ċitazzjonijiet, jiġifieri kemm dik fil-kawia odjerna kif ukoll dawk fil-kawii li huma meritu ta' 1-appelli 2/95 u 3/95, hargu fl-istess data - 24 ta' Gunju, 1994 din il-Qorti ma tistax tithem*

[31] Qorti Appell Kriminali the Police vs Jeremiah ANI 254/2019 deċiża 14 ta' Lulju, 2020.

[32] 5 ta' Lulju, 1996 Qorti Appell Kriminali. Per Orim'Imħallef emeritus Vincent de Gaetano

*x'seta' wassal lill-Pulizija li johorġu tliet ċitazzjonijiet separati minflok ċitazzjoni wahda b'imputazzjoni ta' reat kontinwat li jkopri iinfrazzjomjiet ghax-xhur (proprjament ghall-timghat fix-xhur) ta' Marzu, April, u Mejju, 1994. Mill-banda l•ohra din il-Qorti ma tistax tordna li t-tliet proċessi jew it-tliet sentenzi diga' moghtija jiġu inkorporati fi proċess wiehed jew f'sentenza wahda - ebda disposizzjoni tal-liġi ma tawtorizzaha li jsir dan. L,,uniku rimedju li tipprospetta 1-1iġi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke 1-Qorti ta' Prim'lstanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawii separati kellhom jiġu ttrattati bhala reat kontinwat f' kawia waħda, il-Qorti għandha timmodera u* ***tadegwa 1-piena ghac ċirksotanzi;"***

Għalhekk ċar lil mitigazzjoni ta' piena ġiet addotata mill-Qrati tagħna f'każ li qiesu ġust l-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap 9 li għalkemm dovuta kienet ġiet esklussa mill-prosekuzzjoni; ara fir-rigward ukoll il-**Pul vs Godfrey Ellul** u **l-Puliżija vs Emmanuel Infurna**[33].

Dawn ir-referenzi l-Qorti ma tagħmilhomx b'mod legger in kwantu għalkemm ma tqiex li hemm il-lezjoni prospettata minn Brian Godfrey Bartolo xorta l-Qrati nostrali ħasbu biex ipaċċu għan-nuqqas. Dan huwa rifless meta wieħed jikkonsidra l-massimu ta' piena maħsuba u dik li fil-verita' tkun ġiet inflitta.

**Konsegwentement qegħda twieġeb għar-referenza lilha mibgħuta billi tqies li bil-fatt illi fil-proċeduri penali miġjuba kontra Brian Godfrey Bartolo huwa ma ġiex mogħti il-jedd illi jitlob illi ż-żewġ Atti t'Akkkuża maħruga kontra tiegħu fl-istess jum jiġu mgħaqqdin flimkien, fil-waqt li din il-prerogattiva hija mogħtija <u>biss</u> lill-Avukat Ġenerali, ma twassalx għal vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq minħabba disparita' fl-armi, fejn huwa ser ibati preġudizzju meta f'każ ta' konferma ta' sejbien ta' ħtija ser jiġi kkundannat għal piena aktar severa, u <u>għalhekk ma hemmx</u>**

[33] Qorti Appell Kriminali 18/05/2011 u 13/07/2013 rispettivament.

**<u>ksur ta' dak dispost fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.</u>**

**<u>Tordna li dawn l-atti jiġu b'mod immedjat trasmessi lir-Registratur tal-Qrati Ċivili biex b'hekk jiġu trasmessi lil Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri).</u>**

**Onor Imħallef Miriam Hayman**

**Rita Falzon.**

**Dep.Reg**